# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum, 17 ta' Awissu 2001**

**Citaz.  numru:  2643/00 M2 NA**

**Muscat Alisa sive Muscat Stevanovic Alisa mart il-konvenut Roderick Muscat, minnu *de facto* isseparata: Numru tal-Passaport 585856, cittadina Maltija**

**vs**

**Muscat Roderick, iben Anthony: I.D. Numru 393476(M)**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors tal-konvenut tas-27 ta' Marzu 2001 fejn it-talba principali hija:  "*(a) tiddikjara illi l-obbligu tal-manteniment impost lilu mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kien ghall-perjodu specifikat ta' sitt xhur biss, liema obbligu gie ghalhekk terminat fit-3 ta' Frar 2001 u tiddikjara ghaldaqstant illi l-esponent m'ghandu l-ebda obbligazzjoni*

*jivversa lill-martu kwalunkwe manteniment iehor*." Jinghad illi b'digriet tat-3 ta' Awissu 200o ir-rikorrenti kien gie kkundannat ihallas lill-martu attrici Lm53 fil-gimgha "*provizorjament, u cioe' ghat-terminu ta' sitt xhur millum*". Wara talba ta' l-attrici dan id-digriet gie prorogat b'zewg digrieti ohra tas-Sekond'Awla, ta' l-ewwel fid-9 ta' Ottubru 2000 u t-tieni fl-1 ta' Dicembru 2000.

Ir-rikors tal-konvenut dam ma jigi notifikat lill-attrici li eventwalment ghamlet ir-risposta taghha fl-10 ta' Mejju 2001. Diversi mill-punti msemmija mill-attrici fir-risposta taghha huwa totalment irrilevanti ghal vertenza odjerna. Hija pero' tqajjem zewg punti ta' natura legali li huma proprju l-meritu tal-provvediment li jrid jinghata minn din il-Qorti. Fl-ewwel lok issostni illi l-procedura odjerna adottata mill-konvenut hija nulla. Huwa seta', kieku ried, attakka d-digriet tas-Sekond'Awla permezz ta' citazzjoni *ad hoc*. Ir-rikors pero' ma kienx il-mezz procedurali korrett li bih titlob lil din il-Qorti prattikament tinterpreta digriet moghti minn Qorti ohra. Dan apparti l-attrici ssostni illi l-prorogi kienu cari u kienu jirreferu ghad-digriet originali tas-Sekond'Awla fl-intier tieghu u mhux biss ghal dik il-parti fejn hija inghatat l-awtorizzazzjoni biex tipprocedi quddiem il-Prim'Awla. Ir-rikors gie appuntat ghall-

31 ta' Mejju 2001 fejn dawn il-punti legali gew ampjament iddibattuti mid-difensuri tal-partijiet u r-rikors gie differit ghad-digriet kamerali, liema digriet sejjer jinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Fir-rigward ta' l-ewwel sottomissjoni legali l-Artikolu 46(a) tal-Kodici Civili jipprovdi:

> "*Fiz-zmien li tkun miexja l-kawza tal-firda, kull wahda mill-partijiet, sew jekk l-attrici jew konvenuta, tista' titlob minn ghand il-parti l-ohra somma ghall-manteniment skond il-bzonnijiet taghha u skond il-mezzi tal-parti l-ohra, u meta jitqiesu wkoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-partijiet.*"

Bejn il-partijiet in kwistjoni hemm kawza ta' firda li hija miexja quddiem din il-Qorti, infatti dan ir-rikors huwa propost fl-atti ta' dik il-kawza. Ezami akkurat ta' l-ewwel talba f'dan ir-rikors tindika, fil-fehma tal-Qorti, li dak li qed jitlob il-konvenut huwa dikjarazzjoni minn din il-Qorti illi huwa mhuwiex obbligat ikompli jivversa alimenti lill-martu *pendente lite*. Din hija nfatti

t-talba principali w ir-riferenza ghad-digriet tas-Sekond'Awla hija biss ir-raguni l-ghala qed jaghmel din it-talba.

Filwaqt ghalhekk illi huwa minnu dak li ssostni l-attrici illi l-mod normali u korrett kif wiehed jattakka digriet tas-Sekond'Awla huwa b'citazzjoni specifika ghal dan l-iskop, dan ma kienx necessarju fil-kaz odjern fejn ir-ritwalita' ta' dak deciz mis-Sekond'Awla mhuwiex bl-ebda mod qed jigi kkontestat.

Ikkunsidrat:-

Illi t-tieni punt legali msemmi mill-partijiet irid jigi kkunsidrat sew fil-parametri ta' dak li fattwalment gara quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u kemm dak li gara jista' jinkwadra ruhu fil-parametri ta' dak li tipprovdi l-ligi.  Bhala fatt iz-zewg prorogi li talbet l-attrici ntalbu ghall-effetti kollha tad-digriet tat-3 ta' Awissu 2000.  Hija nfatti titlob li din il-proroga tinghata biex hija tikkawtela d-disposizzjonijiet tad-digriet liema disposizzjonijiet gew minnha msemmija ghal darb'ohra fir-rikors fejn talbet il-proroga.  Bhala fatt ukoll iz-zewg talbiet ghal-proroga gew akkordati mis-Sekond'Awla minghajr ebda kwalifika ohra u, ghalhekk, din il-Qorti trid fattwalment tistrieh fuq l-atti processwali u tezamina biss jekk dawn il-prorogi

sarux b'mod ikkontemplat mil-ligi.  Id-dritt li persuna titlob somma ghall-manteniment anke quddiem is-Sekond'Awla u ghalhekk qabel ma tkun miexja l-kawza tal-firda hija kkontemplata fil-*proviso* ta' l-Artikolu 470 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.  Alimenti hekk stabbiliti jibqghu *in vigore* sakemm mibdula, fil-waqt illi l-proceduri jkunu pendenti sew quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja sew quddiem din il-Qorti, il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Kontenzjuza.  Fir-rigward biss, f'dan l-istadju, ghat-talba ghall-alimenti quddiem il-Qorti Volontarja l-Artikolu 480 (4) ta' l-istess Kapitolu 12 jipprovdi:

> "*Id-digriet imsemmi fis-sub-artikolu (2) ta' dan l-Artikolu ma jibqax esegwibbli jekk l-azzjoni ghas-separazzjoni li ghaliha jinghata permess ma tinbediex fi zmien xahrejn mid-data tad-digriet jew f'dak iz-zmien itwal li tista' taghti l-Qorti fl-istess digriet jew f'digriet iehor wara.*"

L-ezegwibbilita' msemmija f'dan is-sub-artikolu jista' jirreferi biss ghall-hlas ta' l-alimenti u mhux ghall-parti tad-digriet fejn tkun inghatat l-awtorizzazzjoni.  Digriet tas-Sekond'Awla, ghalhekk, minkejja l-mghodija tax-xahrejn jibqa' digriet validu hlief li, fir-rigward ta' l-alimenti, ma jkunx ezegwibbli bil-mod

kif provdut fis-sub-artikoli l-ohra ta' l-Artikolu 480 sakemm l-istess Qorti ma ttawwalx iz-zmien tieghu fl-istess digriet jew f'digriet iehor.

Il-konvenut jista', anke b'certu validita', jargumenta illi l-effetti taz-zewg prorogi kienu dejjem limitati bit-terminu tas-sitt xhur imsemi fid-digriet originali. Fil-waqt illi din l-interpretazzjoni ma hijiex xi haga frivola fil-fehma ta' din il-Qorti ma tistax tkun dik l-aktar korretta. Hlief ghall-kwistjoni ta' l-alimenti s-Sekond'Awla ma kellhiex ghalfejn tipproroga d-digriet taghha (d-digriet ghall-awtorizzazzjoni, infatti, jibqa' validu minghajr terminu sakemm jigi revokat) u di piu' fil-fehma ta' din il-Qorti anke jekk dik il-Qorti dehrilha illi, ghal xi raguni, kellha taccetta t-talba attrici u tipproroga d-digriet limitatament ghat-talba dwar l-awtorizzazzjoni u mhux ukoll ghal dik il-parti li tirrigwarda l-alimenti dik il-Qorti dan kienet tghidu u kienet tikkwalifika l-proroga taghha f'dan is-sens.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-alimenti kif decizi mis-Sekond'Awla *pendente lite* ghandhom validita' sal-1 ta' Gunju 2001 u mhux oltre, b'rizerva favur l-istess attrici li jekk jidhrilha, titlob mill-gdid l-alimenti *pendente lite* quddiem din il-Qorti bil-mezzi permessi mil-ligi u dana qieghed jinghad ghal mill-banda l-

ohra din il-Qorti zgur li ma tistax taccetta l-argumentazzjoni ta' l-istess attrici li d-digriet fuq imsemmi gie prorogat allura l-alimenti *pendente lite* ghandhom ikomplu tul il-proceduri kollha quddiem din il-Qorti.

L-ispejjes huma riservati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.